MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Numru. 58/2002

Il-Pulizija
(Spt. Maurice Curmi)

- vs -

Godfrey maghruf bhala Alfred u Francesca Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Godfrey maghruf bhala Alfred Farrugia, Karta ta' l-Identita' Numru 97746(G), u Francesca Farrugia mart Godfrey Karta ta' l-Identita' Numru 30853(G), kif riportati a fol 1 bil-mod segwenti:

Talli fit-28 ta' Marzu, 2002 u fix-xhur ta' qabel fl-appartament maghruf bhala 'Atlantis Hotel' Triq il-Qolla is-Safra Marsalforn, volontarjament qatghu, kissru, waqqghu, iddistruggew, ghamlu hsara, nehhew, baghbsu jew ikkonnettew ma' xi parti ta' apparat, duct, arblu,

cabinet, fil, cable jew oggett jew haga li jkunu, li jaghmlu sehem minn, jew illi jintuzaw jew iservu fin-network ta' cable television jew fit-thaddim tieghu jew ghall-ghoti tas-servizz ta' cable television, (reat li sar bi ksur tal-artikolu 326(1)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, bnew, bidlu, ghamlu , ippossjedu, bieghu jew xtraw xi apparat li bih setghu ikkonnettjaw kontra l-ligi ma' sistema ta' telekomunikazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 298A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali ta' l-20 ta' Frar, 2003 fejn baghat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex l-imputat ikun ggudikat ghal-dak li hemm mahsub fl-artikoli 326(1)(g) u 298A tal-Kap 9;

Semghet il-provi bil-gurament;

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet is-sottomisjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet kif kienet waslet informazzjoni lill-Melita Cable illi fil-lukanda Atlantis kien hemm servizz ta' cable television fil-kmamar meta ma kienx hemm kuntratt ghall-provvista tal-istess servizz minn din il-kumpanija. Ghalhekk ufficcjali tal-Melita Cable kienu ghamlu rapport lil-pulizija u fl-istess waqt krew kamra fil-lukanda biex jivverifikaw dan huma stess. Jirrizulta illi l-kamra kienet atrezzata b'dan is-servizz. Jirrizulta ukoll illi l-imptutati joqghodu gewwa fond li huwa adjacenti ghall-lukanda msemmija u li dan il-fond huwa fornut bis-servizz tal-Melita Cable b'mod regolari.

Illi mill-provi li ressqet il-prosekuzzjoni jirrizulta illi kien hemm estensjoni tal-fil mid-dar tal-imputati ghal-gewwa il-lukanda u dan ma kien qatt awtorizzat mil-kumpanija kwerelanti.

Jirrizulta illi l-lukanda hija gestita mill-imputat Godfrey Farrugia registrat mal-awtoritajiet bhala Managing Director.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz kontra l-imputat Godfrey Farrugia huwa pruvat fil-grad rikjest mil-ligi u dan qed jinghad bir-rizerva ghal-alegazzjoni li l-imputat provda s-servizz tal-cable television b'mod illegali fil-kmamar kollha tal-lukanda b'telf ta' l-ammont kif pretiz mill-istess Melita Cable. Din kienet biss assunzjoni da parti tal-kwerelanti ghaliex imkien ma rrizulta li kull kamra, cirka tmenin kamra, kienet fornita b'dan is-servizz ghaliex anqas biss saret verifika semplici ta' dan il-fatt. Anqas ma hu accettabbli l-kuntegg li ghamlet is-socjeta` Melita Cable izda dawn l-ahhar zewg osservazzjonijiet huma ta' ftit rilevanza ghal-din il-Qorti wara li kien stabbilit li kien hemm estensjoni tas-servizz bi tbaghbis fil-cable tal-Melita Cable.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat Godfrey maghruf bhala Alfred Farrugia hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Stante li ma ngiebet ebda prova kontra l-imputata Francesca Farrugia, din il-Qorti ma ssibhiex hatja u tilliberaha.

Wara li rat l-artikoli 326(1)(g) u 298A tal-Kap 9;

Tenut kont li piena karcerarja mhix idonea ghal dan il-kaz, tillibera lill-imputat Godfrey mgharuf bhala Alfred Farrugia bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spejgat l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------